MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 1918/1996/1

**Emanuel u Lucy konjugi Mifsud**

**v.**

**Victor Camilleri**

**Il-Qorti:**

**<u>I. PRELIMINARI</u>:**

1. Fic-citazzjoni taghhom prezentata fil-5 ta' Gunju 1996, l-atturi ippremettew li huma kienu l-proprjetarji tal-fond 'Cynthia', Triq Anici, Qormi, mentri l-konvenut kien is-sid

u/jew l-operatur tal-fond sottostanti adibit bhala hanut maghruf bl-isem ‘Caccu’s Social Club’, Main Street, kantuniera ma’ Anici Street, Qormi, u li l-fond ta’ l-atturi ghandu tieqa li mill-kamra tas-sodda taghti ghal gol-bitha komuni mal-hanut sottostanti. L-atturi ippremettew ukoll li quddiem l-istess tieqa saret cumnija taz-zingu (*extract duct*) bil-mutur taghha inkorporat fiha liema stallazzjonijiet qed ikunu ta’ inkonvenjent kbir ghall-atturi kemm minhabba l-istorbju bit-thaddim tal-mutur kif ukoll minhabba l-emissjoni tad-dhahen mit-tisjir u s-shanat. L-atturi lmentaw ukoll li fil-bitha twahhlu zewg muturi tal-friza li l-vibrazzjoni u l-hoss emess minnhom qed ikun ukoll ta’ inkonvenjent ghalihom. L-atturi ziedu jghidu li l-bitha interna giet imcekkna minn cirka ghaxar piedi li kienet bl-estensjoni tax-xogholijiet li saru biex jitkabbar il-hanut. Huma allegaw ukoll li fil-hanut kien qieghed ikun hemm hafna storbju sas-sieghat bikrin ta’ filghodu u li l-atturi kienu qed jigu molestati minn irwejjah li johorgu mill-katusa tad-drenagg sitwata fir-rokna tal-bitha in kwistjoni. Premess dan kollu l-atturi talbu li l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili:

(i) tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi qed ikunu suggetti ghall-inkonvenjenzi fuq deskritti u li dawn jikkonstitwixxu molestja u turbattiva tal-mistrieh u l-kwiet taghhom;

(ii) tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju taht is-sorveljanza ta’ perit nominat jaghmel x-xoghlijiet kif ukoll jiehu rimedji opportuni biex jelimina dawn l-inkonvenjenzi u molestji; u

(iii) fin-nuqqas, li l-istess atturi jigu awtorizzati jaghmlu l-istess xoghlijiet kif ukoll l-istess passi rimedjali a spejjez tal-konvenut.

2. Il-konvenut ikkontesta l-kawza bis-segwenti eccezzjonijiet:

“1. Li mhux minnu li huwa qed jikkawza xi nkonvenjent lill-atturi bil-gestjoni tal-hanut tieghu u li l-atturi irrikorrew ghall-espedjent tal-kawza civili wara li hu diversi drabi ma nstabx hati mill-Qorti tal-Magistrati ta’ dawn l-addebiti.

2. Li fil-fatt hu ghamel li seta’ biex jakkomoda lill-atturi fl-ilmenti taghhom.

3. Li l-atturi qatt ma ilmentaw meta fil-passat il-hanut kien jigi gestit b'mod li certament kienu jsofru iktar inkonvenjent minn dak li qed jallegaw issa ghaliex il-muturi li kienu jezistu kienu jaghmlu hafna hsejjes iktar minn dawk li ghandu llum.

4. Li diversi oggetti li minnhom qed jilmentaw fic-citazzjoni taghhom l-atturi ghadu lanqas biss beda jaghmel uzu minnhom ghalhekk f'dan il-kaz l-azzjoni hija intempestiva.

3. Mill-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 1997 jirrizulta li l-ewwel Onorabbli Qorti innominat bhala Periti Teknici lill-Arkitett u Inginier Civili Frederick Doublet u lil Henry Baker. Fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2000, dawn l-istess Periti Teknici ikkonfermaw ir-rapport taghhom bil-gurament. Il-Perit Frederick Doublet gie eskuss fis-seduta tal-25 ta' April, 2001.

4. L-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tat id-decizjoni taghha fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2001. Biha iddikjarat li l-atturi gew suggetti ghall-inkonvenjenzi mill-konvenut li jikkostitwixxu molestja u turbattiva tal-mistrieh u l-kwiet taghhom. Fil-fatt hija ikkundannat lill-konvenut sabiex fi zmien xahar u taht is-sorveljanza tal-Perit Frederick Doublet jaghmel ix-xoghlijiet suggeriti fl-istess decizjoni biex jelimina dawn l-inkonvenjenzi u molestji, u, fin-nuqqas, awtorizzat lill-istess atturi biex jaghmlu l-istess xoghlijiet huma stess u jiehdu l-istess passi rimedjali a spejjez tal-konvenut. Il-konvenut gie ikkundannat ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza. L-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ikkunsidrat hekk:

"**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

In tema legali gie ritenut fil-gurisprudenza ormai kostanti illi:-

*"La legge riconosce nel proprietario il diritto di usare liberamente il suo fondo e di farci le modificazioni che credesse convenienti, quindi anche privasse il vicino di qualche vantaggio, purche` non gli rechi grave molestia.*

*Quando la molestia prodotta dell'esercizio di suo stabilimento industriale non sia grave, non ecceda cioe` quel limite di tolleranza che costituisce la vera mizura degli obblighi di buon vicinato, essa deve essere sofferta dal vicino, il quale non ha diritto di farla cessare o di chiedere un indennizzo a causa del pregudizio cagionatoli, <u>ma se l' incomodo recatogli non e' familmente tollerabile, diventa ingiusto e puo' il vicino esigere la cessazione</u>..........."* (Vol XV.571)

"*Per misurare la gravita` della molestia devesi riguardare non solamente alla natura, ma anche alla posizione e situazione dei fondi e alle anteriorita` del possesso*". (Vol. XV.38)

"*Attesoche la molestia, che il vicino puo` far cessare, deve essere grave, cioe` non facilmente tollerabile.........*" (Vol. XX.i.114)

"*Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu izda dan l-uzu irid ikun fil-limiti gusti kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu.*" (Vol LXIX.iii.1228)

Ara wkoll is-sentenzi fil-kawza "Maria Lina armla ta' Carmelo Manfre et – v. – Ray Spiteri" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Mejju, 1985, is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Emanuele Abela – v. – Sebastian Zammit" deciza mill-Appell fis-7 ta' Ottubru, 1996 u Joseph Tabone et v. Emanuel Bugeja et" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' April, 1998. Ara wkoll App. Camilleri v. Camilleri 30 ta' Gunju 2000.

**KONKLUZZJONI TA' L-ESPERTI**

Il-Qorti ezaminat il-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet tal-periti nominati minnha li ser jigu adottati minn din il-Qorti fis-sentenza taghha.

Il-Perit Tekniku Henry Baker fir-rapport tieghu kkonkluda li l-livell gholi tal-hsejjes....huma tali li jipprovoka lok ghall-ilmenti ta' l-atturi, specjalment fil-hin tal-mistrieh. Il-modifikazzjonijiet li saru jikkontrollaw biss il-livell tal-hsejjes tal-*condensing units*. Hsejjes ohrajn, bhal tpacpic b'lehen gholi, muzika u tahbit ta' bocci tal-billiard, baqghu jippersistu bl-istess livell ta' dawk qabel ma saru l-modifikazzjonijiet (ara fol. 108/9).

Il-Perit Doublet fir-relazzjoni spjega li r-rapport tal-Perit Tekniku Henry Baker gie nkluz fir-rapport tieghu bhala sezzjoni mir-relazzjoni globali. Meta gie eskuss wiegeb li dahal fil-kwistjoni tal-hsejjes ukoll, apparti Henry Baker, billi stante li l-kostruzzjoni fil-bini zdiedet, il-hsejjes minhabba li l-ispazju ckien, allura jirbombja aktar. F'dak is-sens biss li hu dahal fil-kwistjoni tal-hsejjes.

Fir-relazzjoni l-Perit jirreferi ghal kostruzzjoni gdida li ghamel il-konvenut li rrizultat fil-hwejjeg deskritti fil-paragrafu 26:16 (i sa vii) u l-paragrafi li jsegwuh.

Dwar hinijiet, mill-provi rrizulta li l-post jaghlaq tard u xi granet tard hafna jew kmieni fil-ghodu u xi attivitajiet idumu sa dawn il-hinijiet (ara xhieda atturi u anke tal-konvenut).

**TIKKUNSIDRA**

Il-konvenut qed jissottometti li l-konkluzzjonijiet tal-Perit Doublet huma kwazi kollha ultra petita billi ma jinkwadrawx ruhhom fit-talbiet attrici. Fil-fatt dana mhux hekk billi l-atturi fl-ewwel talba taghhom jirreferu ghall-premessi taghhom fic-citazzjoni u jsostnu li fl-ewwel talba taghom saret riferenza ghall-inkonvenjenti "fuq deskritti" li huma kienu qed isofru minnhom.

Fil-fatt, fil-premessi, fic-citazzjoni taghhom l-atturi jsemmu li huma -

qed ibatu nkonvenjent kbir minhabba l-istorbju bit-thaddim tal-mutur kif ukoll minhabba l-emissjoni tad-dhahen mit-tisjir u s-shanat;

qed ibatu nkonvenjent mill-vibrazzjoni u hoss emess minn zewg muturi tal-friza li twahhlu fil-bitha;

il-bitha interna giet imcekkna u l-istorbju zdied;

hemm bosta storbju fil-hanut sas-sieghat bikrin ta' filghodu;

huma molestati wkoll mill-irwejjah li johorgu mill-katusa tad-drenagg sitwata fir-rokna tal-bitha mat-tieqa tal-bitha.

Kif gie deciz diversi drabi minn dawn il-Qrati "id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu m'hemmx bzonn illi jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi" Vol XXXIII-I-666; Vol XLC p 690.

Kien bizzejjed biex l-azzjoni attrici tirnexxi illi jigi provat illi minn x'imkien minn dak il-fond kienet qed issir attivita` li bhala konsegwenza taghha kienet qed tigi krejata molestja fil-grad li kienet tintitolahom qua vicini li jilmentaw u jitolbu rimedju gudizzjarju. Ma hemmx ghalfejn jinghad illi "il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda jew domandi u s-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda" (Appell "Giuseppe Debono – v. – Chev. Antonio Cassar Torregiani" deciza fil-5 ta' Dicembru, 1952).

Fil-fatt fil-kaz in ezami l-periti sabu li l-konvenut qed johloq molestja (hsejjes, storbju u rwejjah) fil-grad li kienet tintitola lill-atturi qua vicini li jilmentaw u jitolbu rimedju gudizzjarju.

Il-periti issuggerew is-segwenti rimedji li l-Qorti taqbel maghhom u qed taddottahom.

**RIMEDJI SUGGERITI**

Il-konvenut ghandu jnehhi l-kostruzzjonijiet kollha (bini, extractor ducts u hwejjeg ohra) li hemm 'il fuq mill-livell ta' l-art tal-kamra tas-sodda ta' l-atturi, hlief il-katusi, u cioe` 'l

fuq minn kif indikat bil-linja enfasizzata orizzontali dashdot fis-sezzjoni tad-disinn Drg.No.3382-1.

Dwar l-opra morta li l-konvenut ghamel faccata tat-tieqa tal-kamra tas-sodda ta’ l-atturi, din ghandha terga’ titpogga fejn kienet u cioe` fuq il-hajt il-qadim (ta’ l-arkata).

Dwar l-irwejjah tad-drenagg, ghandhom jitghollew il-ventilaturi sa l-gholi specifikat qabel, u jsiru dawk ir-rimedji suggeriti dwar il-via tal-ventilatur V3, jitnehha l-gulley ta’ hdejn il-bejt konness mal-venitlatur V3 u li fil-gullies l-ohrajn jigi assigurat li l-*water seal* taghhom jiffunzjona dejjem peress li ghandhom jinzammu mimlijin bl-ilma.

Dwar irwejjah tat-tisjir u tipjip u shanat, il-konvenut ghandu jaghmel mezz li jehles minn dawn l-irwejjah permezz ta’ *extractor* u *ducting* internament, jew ghat-triq jew ghal gholi bizzejjed ’l fuq mill-bejt biex id-*ducting* jisputa f’arja aperta u mhux gol bitha interna. Kwalunkwe mutur biex ihaddem l-*extractor* u l-istess *extractor* ghandu jigi insulat ghal hsejjes u sitwat boghod bizzejjed sabiex ma jaghtix fastidju lill-atturi. Dan ghandu jsir skond pariri u direzzjoni ta’ espert fil-materja. Ghandhom jinghalqu l-aperturi kollha (kbar u zghar) ghall-bitha li minnhom jistghu johorgu dawn l-irwejjah u shanat.

L-esperti ma dahlux fir-rimedji ghall-kontroll ta’ hsejjes zejda billi dawn jistghu jaslu ghalihom esperti fil-materja wara li jsir *audit survey* u *assessment*.

Dwar storbju u hinijiet pero` l-konvenut ghandu jikkonforma ruhu mal-ligijiet tal-pulizija u jzomm mal-licenzji li ghandu.”

## <u>II. L-APPELL</u>

5. Il-konvenut hassu aggravat minn din id-decizjoni u appella minnha permezz ta’ rikorsipprezentat quddiem din il-Qorti fit-2 ta’ Novembru, 2001. Huwa ressaq zewg aggravji u cioe`, li t-talbiet attrici rigward il-hsejjes ma gewx provati u fir-rigward ta’ l-irwejjah, li dawn ma kienux

jiffurmaw parti mit-talbiet ta’ l-atturi. Wara li l-konvenut appellant spjega dawn l-aggravji huwa talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti moghtija fid-19 ta’ Ottubru 2001, u li tichad it-talbiet ta’ l-atturi, bl-spejjez kontra taghhom.

6. L-atturi appellati ikkontestaw l-appell b’risposta ta’ l-appell prezenata minnhom fit-8 ta’ Novembru, 2001. Fir-risposta taghhom, huma spjegaw ghaliex fil-fehma taghhom, il-konkluzzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti kienu incensurabbli, u wara li accennaw ghall-gurisprudenza applikabbli ghall-kaz, huma talbu li l-appell interpost jigi michud bl-ispejjez.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

7. F’din il-kawza l-atturi appellati qeghdin jitolbu li l-Qorti tiddikjara li huma qed ikunu soggetti ghal inkonvenjenzi varji kif specifikaw fl-att tac-citazzjoni taghhom, liema inkonvenjenzi jikkostitwixxu molestja u turbattiva tal-mistrieh u l-kwiet taghhom. Qeghdin jallegaw li dawn l-inkonvenjenzi sehhew minhabba li l-konvenut appellant, li jiggestixxi hanut fil-fond sottopost ghall-proprjeta` taghhom, ghamel xi xoghlijiet fil-bitha komuni ma’ l-istess hanut. L-appellati ghandhom tieqa fil-kamra tas-sodda taghhom li taghti precizament ghal go din il-bitha li fiha l-appellant ghamel ix-xoghlijiet. Huma qed jitolbu li l-konvenut appellant ghandu jigi ikkundannat biex fi zmien qasir u perentorju kif ukoll taht supervizjoni ta’ Perit mahtur mill-Qorti, jaghmel ix-xoghlijiet kollha opportuni biex jelimina l-istess inkonvenjenzi u molestji. Talbu wkoll li fin-nuqqas, l-atturi ghandhom jigu awtorizzati jaghmlu huma stess ix-xoghlijiet rimedjali a spejjez tal-konvenut appellant.

8. Min-naha tieghu l-appellant cahad li gestjoni tal-hanut tieghu qed tohloq xi inkonvenjent lill-appellati. Ghalhekk huwa ikkontesta din l-allegazzjoni ta’ l-appellati.

9. L-Esperti Teknici nominati mill-ewwel Onorabbli Qorti investigaw il-kaz u rrelataw li l-ilmenti ta’ l-appellati kienu

gustifikati.  Huma taw indikazzjoni ta’ dak kollu li kellu jsir biex dawn il-molestji jigu mnehhija.

10.  L-ewwel Onorabbli Qorti adottat ir-relazzjoni peritali u wara li iddikjarat li l-atturi gew soggettati ghall-inkonvenjenzi li jikkostitwixxu molestja u turbattiva tal-mistrieh u l-kwiet taghhom, ikkundannat lill-appellant biex fi zmien xahar u taht is-sorveljanza tal-Perit Frederick Doublet, jaghmel ix-xoghlijiet kollha suggeriti fil-korp tas-sentenza taghha biex jigu eleminati l-istess inkonvenjenzi u molestji.  L-ewwel Onorabbli Qorti awtorizzat lill-istess appellati biex jaghmlu l-istess xoghlijiet huma a spejjez ta’ l-appellant fil-kaz li dan jonqos li jaghmilhom huwa stess.

11.  L-ewwel aggravju tal-konvenut appellant testwalment jikkonsisti f’dan li gej:
“Illi l-aggravju tieghu hu manifest u dan jikkonsisti principalment ghal dak ix-xoghol rimedjali li ordnat il-Qorti fejn jirrigwardja l-hsejjes.  Bir-rispett kollu numru kbir ta’ rimedji suggeriti jirrigwardja principalment il-hsejjes meta l-istess esperti skond l-istess sentenza tal-Qorti:

*L-esperti ma dahlux fir-rimedji ghall-kontroll ta’ hsejjes zejda billi dawn jistghu jaslu ghalihom esperti fil-materja wara li jsir audit survey u assessment*.

<u>Ghalhekk il-perizja teknika ma ipprovat xejn fuq l-allegata turbattiva tal-mistrieh u l-kwiet ta’ l-atturi li hija l-pern tat-talbiet attrici fid-domandi taghhom</u>.

Una volta dan ma sarx il-Qorti ma setghetx taderixxi ghal ebda talba ta’ l-atturi u/jew rimedju suggerit mill-esperti teknici.

Fi kliem iehor, il-konvenut appellant qieghed jallega li t-talbiet attrici fir-rigward tal-hsejjes ma gewx pruvati.

12.  Dan l-ewwel aggravju ta’ l-appellant mhux gustifikat. Infatti mill-provi akkwiziti ghall-process jirrizulta (ara paragrafu 26.16 tar-relazzjoni peritali, precizament a fol. 95 tal-process) li l-kostruzzjoni gdida li ghamel l-istess appellant fl-ewwel u fit-tieni (bejt) sulari kellha, fost effetti

ohra, l-effett li naqset l-arja tal-bitha, biex b'hekk l-effett tal-hsejjes jinstema', jirbombja u jivvibra aktar fl-ispazju li gie mnaqqas ta' l-istess bitha. Ghandu jinghad ukoll li fir-rapport tieghu, l-Perit Tekniku Henry Baker ikkonkluda li l-livell gholi tal-hsejjes li huwa kejjel skond id-*decible scale*, huwa tali li jipprovoka lok ghall-ilmenti tar-rikorrenti appellati, specjalment fil-hin tal-mistrieh (ara paragrafu 27.0 tar-relazzjoni a fol. 100 tal-process). L-istess Perit Tekniku Henry Baker irrelata li l-modifikazzjonijiet li ghamel il-konvenut appellant irnexxielhom jikkontrollaw biss il-livell tal-hsejjes tal-*condensing units*. Hsejjes ohrajn, bhal tpacpic b'lehen gholi, muzika u tahbit tal-bocci tal-*billiard*, baqghu jippersistu fl-istess livell ta' dawk li kienu qabel ma saru modifikazzjonijiet. Gie provat ukoll li l-post tal-konvenut jaghlaq tard, xi granet tard hafna jew kmieni filghodu u xi attivitajiet idumu sa dawn il-hinijiet, kif jirrizulta minn paragrafu 27.5 tar-relazzjoni (ara fol. 102).

13. It-tieni aggravju ta' l-appellant, fi kliemu stess jikkonsisti f'din l-allegazzjoni:
"Anke kwantu ghar-rimedji rigwardanti l-irwejjah, l-esponent gia` issottometta fit-trattazzjoni illi l-atturi ma ghamlu ebda talba f'dan ir-rigward ghalkemm hu veru li saret riferenza ghall-irwejjah fil-premessi. Cioe` nonostante l-Qorti tkun qed tmur *ultra petita* jekk tilqa rimedji suggeriti mill-esperti f'dan ir-rigward ghaliex ma hemm ebda talba fir-rigward. Rimedju minnhom u cioe` t-tnehhija ta' l-opra morta addirittura la tirrigwadja hsejjes u lanqas irwejjah izda hija materja ta' azzjoni *petitoria* jew *possessoria* li zgur mhux l-iskop ta' l-azzjoni odjerna u ovvjament ma saru ebda provi f'dan is-sens."

14. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant qieghed sostanzjalment jallega li r-rimedji moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti rigwardanti l-irwejjah ma jinkwadrawx ruhhom fit-talbiet attrici, u konsegwentement huma *ultra petita*. Il-Qorti tinnota li din il-pregudizzjali kienet diga` tqajmet quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti meta l-appellant kien issottometta li l-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku kienu kwazi kollha *ultra petita* billi ma jinkwadrawx ruhhom fit-talbiet attrici. Izda l-ewwel Onorabbli Qorti ma laqghetx din il-pregudizzjali ta' l-appellant ghaliex irriteniet li l-

appellati fl-ewwel talba taghhom enfasizzaw fil-premessi taghhom fic-citazzjoni l-inkonvenjenti li kienu qeghdin isofru. Din il-Qorti m'ghandhiex il-htiega li tiddelunga aktar fuq din il-kwistjoni. Hija taghmel referenza ghal dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti taht is-subtitolu "Tikkonsidra", ezattament f'pagna 7 u 8 ta' l-istess sentenza. Ghalhekk, anke dan it-tieni aggravju ta' l-appellant ma jistax jintlaqa' billi l-inkonvenjenzi ilmentati mill-appellati huma kontenuti fl-iskop u l-finalita` tat-talbiet mertu ta' l-att tac-citazzjoni li bih inghata bidu ghal din il-kawza.

15. M'hemmx dubju li l-proprjetarju ta' fond ghandu kull dritt li jaghmel uzu shih, u kif jidhirlu, mill-fond tieghu. Madanakollu, dan l-uzu ghandu jsir bil-qies u gustament u cioe`, b'mod li ma jigix mahluq pregudizzju serju lid-dritt/drittijiet ta' haddiehor. Infatti l-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid hekk:
"Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu."

Ghandu jinghad ukoll li huwa principju rikonoxxut kemm-il darba fil-gurisprudenza lokali li l-molestja ghandha tigi sopportata mill-gar/girien meta din ma tkunx gravi u cioe` meta din ma teccedix il-limiti tat-tolleranza (ara l-kawza fl-ismijiet John Testa v. Anthony Bruno et noe. deciza minn din il-Qorti diversament komposta fit-30 ta' Mejju, 1988). Il-Qorti ta' l-Appell diga` kellha l-okkazjoni biex fil-kawza fl-ismijiet Pio Bezzina v. Giacomo Galea, deciza fis-27 ta' Gunju 1955 *inter alia* tirritjeni hekk dwar l-argument in kwistjoni:
"Jista' liberament jinghad li l-gurisprudenza taghna hija, f'din il-materja, f'dan is-sens: jigifieri li d-dritt tal-proprjetarju li juza u jiddisponi mill-haga proprja ghandu jigi kontemperat ma' dak tal-proprjetarji vicini; u kwindi, jekk il-molestja prodotta bl-ezercizzju ta' stabbiliment industrijali mhix gravi, jigifieri ma teccedix dak il-limiti ta' tolleranza li jikkostitwixxi l-vera mizura ta' l-obligi tal-bon vicinat, ghandha tigi sofferta mill-vicin; imma jekk l-inkomodu jkun gravi, eccessiv u insopportabbli, jew ahjar mhux facilment tollerabbli, allura l-vicin jista' jezigi li jispicca, anki jekk ikun gej minn stabbiliment licenzjat;

ghaliex il-licenza ma tippregudikax id-dritt tat-terzi. U biex wiehed jiggudika jekk il-molestji prodotti minn stabbiliment industrijali humiex jew le gravi, jigifieri mhux facilment tollerabbli, ghandu jzomm kont tac-cirkostanzi partikulari; billi f'kull kaz ghandu jiehu in konsiderazzjoni n-natura, il-pozizzjoni u d-destinazzjoni tal-postijiet, jekk, per ezempju, ikunux il-belt jew fil-kampanja, jekk fic-centru jew fil-konfini tal-belt, u jekk uzwalment f'dawk il-postijiet jigux ezercitati industriji simili ghal dawk li minhabba fihom isir il-lament, u, sa certu punt, il-pre-okkupazzjoni, jigifieri l-anterjorita` tal-pussess, u wkoll l-ispecjalita` ta' l'industriji, billi huma tollerabbli l-inkonvenjenti kagunati mill-ezercizzju ta' l-industrija, anki jekk jaghmlu hsejjes inerenti ghal xi stabbiliment li fih tkun necessarja jew utili, purke` dawk l-inkonvenjenti ma jkunux gravi;

B'tollerabilita` ghandha tiftiehem tollerabilita` fizika, medja u komuni. L-impressjonabilita` ghandha tkun dik ta' persuna sana;

16. Il-kaz appena citat kien jikkoncerna kalkara tal-gir li giet imhaddma fil-kampanja u l-kawza saret ghaliex kien qed jigi allegat li d-dhahen u l-gassijiet li johorgu mill-istess kalkara kienu qed joholqu molestja gravi u pregudizzju ghas-sahha ta' l-abitanti ta' razzett vicin ta' l-istess kalkara tal-gir. Fil-kaz odjern, din il-Qorti bhall-ewwel Onorabbli Qorti, jidhrilha li jirrizulta sodisfacentement li bix-xoghlijiet li ghamel l-appellant fil-bitha ssoggetta lill-appellati ghal inkonvenjenzi li jikkostitwixxu molestja u turbattiva tal-mistrieh u tal-kwiet taghhom. Fil-fehma ta' din il-Qorti, r-rimedji li tat l-ewwel Onorabbli Qorti huma in sintonija mat-talbiet ta' l-appellati. Ir-rimedju ordnat mill-ewwel Qorti, cioe` t-tnehhija ta' l-opra morta, huwa wkoll fil-fehma ta' din il-Qorti, rimedju opportun ghaliex bl-opra morta li ghamel l-appellant fil-bitha gie mnaqqas l-ispazju kif irrelata l-Perit Tekniku. Dan efettwa b'mod hazin lill-appellati, kemm fil-livell tal-hsejjes kif ukoll fl-irwejjah li bdew johorgu mill-hanut ta' l-appellat. Konsegwentement l-appell ma jistax jintlaqa'.

17. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li anke l-ispejjez ta' din l-

istanza ghandhom jibqghu kollha a karigu tal-konvenut appellant. It-terminu ta' xahar stabbilit fid-dispozittiv tas-sentenza appellata (sabiex isiru x-xoghlijiet mill-konvenut) jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------